

Brussell, 18 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7551/19

COHAFA 24
DEVGEM 55
FIN 239
MAMA 56
COEST 73
RECH 173
ENV 299
CLIMA 80
EDUC 158
CULT 46

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	18 ta' Marzu 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7244/2019	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 35/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Trasparenza fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE mill-NGOs: jeħtieġ li jsiru aktar sforzi" - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 35/2018 mill-Qorti tal-Awdituri "Trasparenza fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE mill-NGOs: jeħtieġ li jsiru aktar sforzi", kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fit-18 ta' Marzu 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 35/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri

"Trasparenza fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE mill-NGOs: jeħtieġ li jsiru aktar sforzi"

1. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport Speċjali Nru 35/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Trasparenza fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE mill-NGOs: jeħtieġ li jsiru aktar sforzi"¹. Organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) huma sħab importanti fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' finanzjament tal-UE fl-Unjoni Ewropea, u huma kruċjali sabiex iwasslu għajnuna esterna mill-UE. Għalhekk, it-trasparenza rigward il-katina ta' finanzjament ta' proġetti u programmi ffinanzjati mill-UE hija essenzjali għall-effiċjenza tal-inizjattivi rispettivi, u impenn ċentrali tal-politiki tal-UE.
2. Il-Kunsill jilqa' l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' u s-sejbiet tar-rapport, u r-rispons dettaljat tal-Kummissjoni. Ir-rapport iffoka fuq finanzjament estern, il-qasam ewlieni li fih il-fondi tal-UE ġew allokati lill-NGOs għall-perijodu 2014-17. Il-Kunsill huwa kuntent li f'dan il-qasam l-għażla ta' proġetti mmexxija mill-NGOs mill-Kummissjoni kienet, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, evalwata bħala trasparenti, u li r-rappurtar tal-Kummissjoni dwar għajnuna umanitarja u ta' żvilupp kien ġeneralment skont l-istandards internazzjonali ta' trasparenza.
3. Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 1, il-Kunsill huwa konxju li m'hemm l-ebda rekwiżit legali biex jirreġistra l-istatus ta' NGO ta' applikanti għal għotjiet, u l-ebda definizzjoni legali madwar l-UE ta' x'jikkostitwixxi NGO. Kif iddikjarat fir-rapport, ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit tal-UE ma jagħmilx distinzjoni bejn il-benefiċjarji bi status ta' NGO u benefiċjarji oħra.
4. Il-Kunsill jilqa' r-rakkomandazzjonijiet 2 sa 4 tar-rapport dwar:
 - applikazzjoni korretta tar-regoli tas-sottogħotja;
 - ġbir ta' informazzjoni kompluta dwar fondi riċevuti mill-benefiċjarji kollha kkuntrattati mill-UE, mhux biss il-benefiċjarju ewlieni;

¹ disponibbli minn www.eca.europa.eu

– standardizzazzjoni u preċiżjoni mtejbja tal-informazzjoni ppubblikata.

5. *Konformità mar-regoli tas-sottogħotja* - Għal proġetti taħt ġestjoni diretta, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tar-Regolament Finanzjarju tal-2018² għandha tiżgura l-applikazzjoni konsistenti tar-regoli tas-sottogħotja mal-Kummissjoni kollha kemm hi. Għal proġetti taħt ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni għandha tiżgura permezz tal-verifiki tagħha li l-korpi tan-NU japplikaw b'mod korrett ir-regoli u l-proċeduri tagħhom meta jagħżlu s-sħab li jimplimentawhom u jiżvelaw il-kuntratti mogħtija b'finanzjament mill-UE. Is-sottogħoti kollu jrid ikun trasparenti. Fil-qasam tal-għajnuna umanitarja, trasparenza sħiħa tas-sottogħoti ta' fondi tal-UE ser tipprovdni wkoll evidenza aħjar rigward l-impenji meħuda taħt il-Grand Bargain iffirmit fis-Summit Umanitarju Dinji f'Mejju 2016 bil-għan li jittejjeb il-mod kif tingħata l-għajnuna umanitarja. Madankollu, l-applikazzjoni ta' regoli ta' sottogħotja m'għandhiex timpedixxi jew tittardja l-proviżjoni ta' fondi umanitarji flessibbli u li jsalvaw il-ħajja u kontribuzzjonijiet għal fondi migħbura, ibbażati fuq bżonnijiet urġenti.
6. *Il-ġbir ta' data rilevanti* - Għal proġetti implimentati minn bosta benefiċjarji, il-Kummissjoni trid tiżgura trasparenza fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-finanzjament fost il-benefiċjarji kollha kkuntrattati mill-UE. Fejn proġett ta' azzjoni esterna jiġi implimentat minn netwerk ta' sħab jew konsorzju li jkunu ffirmaw kuntratt mal-Kummissjoni, l-informazzjoni miżmuma fis-sistemi tal-Kummissjoni trid tirrifletti bis-sħiħ l-istruttura attwali tan-network, mhux biss l-organizzazzjoni ewlenija. Għal proġetti taħt ġestjoni indiretta permezz ta' korpi tan-NU, għandha tiġi pprovduta biżżejjed informazzjoni dwar l-ispejjeż indiretti ddikjarati mis-sħab kollha inkarigati mill-implimentazzjoni. Dan għandu jikkontribwixxi biex titjib it-traċċabilità tal-fondi f'azzjoni esterna.

² L-Artikolu 204 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

7. *Standardizzazzjoni u titjib tal-preċiżjoni tal-informazzjoni ppubblikata* – Is-servizzi kollha tal-Kummissjoni għandhom jippubblikaw l-istess tipi ta' informazzjoni fis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja, li jippermettu lill-utenti jidentifikaw aħjar il-benefiċjarji kkuntrattati mill-UE u l-ammonti ta' fondi li jkunu ngħataw. Madankollu, il-Kummissjoni għandha żżomm il-flessibilità li ma tiżvelax tali informazzjoni f'każijiet fejn dan iqiegħed lill-benefiċjarji f'riskju, inkluż fir-rigward tas-sikurezza, id-drittijiet jew il-libertà tal-organizzazzjonijiet jew tal-persuni involuti, speċjalment fil-qasam tal-ġajnuna umanitarja. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li, fl-2017, il-Kummissjoni bdiet tippubblika data tal-IATI dwar fondi fiduċjarji tal-UE, kif ukoll data dwar ir-riżultati tal-proġett. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tkompli ttejjeb il-kapaċità tagħha sabiex tipprovdi informazzjoni preċiża dwar il-finanzjament tal-UE.
8. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet 2 sa 4. Il-Kunsill jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li timplimenta dawn ir-rakkomandazzjonijiet, fi-perijodu ta' żmien miftiehem mal-Qorti tal-Awdituri. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tirrapporta lura lill-Kunsill dwar il-passi li tkun ħadet għal dan il-għan.
-